# ID-DINJA F'IDEJN IT-TFAL

*B'Tifkira tas-Sur Fons M. Galea — ħabib tat-tfal — Għeluq l-ewwel sena ta' mewtu.*

Id-dinja xjieħet, qdiemet, għejiet. Wara eluf kbar ta' snin li ilha taħdem, il-magna tad-dinja donnha tħassret u jaħteġilha, biex tibqa' taħdem tajjeb, titnaddaf, tissewwa, tiġġedded. Bosta drabi fiż-żmenijiet l-imgħoddija ħabbat rasu l-bniedem u medd idejh biex iħaddem aħjar il-magna tad-dinja, jew biex isewwi xi ħsara li minn għalih kienet saret fiha. Kien hemm min dehirlu li l-bniedem kellu l-jedd fuq il-ħajja ta'bniedem ieħor bħalu u li għalhekk seta' jħaddmu, jaħqru, joqtlu meta jrid u jogħġbu. Oħrajn dehrilhom li l-jasar kien bħal żrara li tfixkel id-dawran ta' rota; neħħew il-jasar u d-dinja bidlet mixjitha. Kien hemm min qal li l-ġid tad-dinja hu ta'min jaf iħaddmu, u hekk ġara li x'uħud stagħnew bla qjies u oħrajn u wisq oħrajn messhom biss daqsxejn ta' loqma. Haddieħor qal li li l-ġid kollu tad-dinja hu ta' kullħadu kull wieħed għandu jieħu sehem minn għand l-istat li hu waħdu għandu s-setgħa jqassmu. X'uħud jemmnu li l-bniedem, mogħni minn Alla bid-dehen li jagħżlu mill-bhejjem, għandu l-jedd jaħseb b'moħħu u juri dak li jaħseb u ħadd ma jista' jġiegħlu jaħseb dak li ma jaħsebx, jemmen dak li ma jemmenx, irid dak li ma jridx. Oħrajn, bil-maqlub, igħidu li l-bniedem hu bħal rota jew darsa f'rota, skorfina, fus, mradd, xafra li taħdem mhux kif trid hi imma kif irid l-imgħallem u l-imgħallem hu l-Istat fil-persuna ta' bniedem wieħed. Hitler ukoll qal li jrid jagħti ħajja ġdida lid-dinja xiħa w marida, u kif qiegħed iġedded id-dinja jafu kullħadd.

Il-bniedem ilu jitħabat biex iħaddem il-magna tad-dinja tajjeb imma s'issa għadu ma sabx it-tarf. Min jaf kieku nerħu d-dinja f'idejn it-tfal timxix aħjar? Min jaf għandhomx ħila it-tfal isibu dik it-triq li fiha qiegħed Alla d-dinja meta ħalaqha u li minnha ħariġha l-bniedem bla ma seta' jsibha aktar?

Id-dinja f'idejn it-tfal! Is-Sultan jew Imperatur jew President, jew Duce jew Fuehrer jew Caudillo, semmuh li tridu, tifel ta' għaxar snin jew tnax il-sena. Il-Prim Ministru, il-Ministri l-oħra, il-membri kollha tal-Parlament, Senaturi u Lordijiet, kollha tfal ta' żmien wieħed. Donnu thewdin ta'

moħħ marid. Imma forsi mhux. Għax it-tfal moħħom u qalbhom aktar safja; is-susa tal-għira għadha ma bdietx therrilhom qalbhom, is-semm tal-mibegħda ma jmarrdilhomx ruħhom, it-tiellix tal-kburija ma jgħammxilhomx għajnejhom. Iħobbu, jifirħu, jidħku. Id-dinja għalihom hi xemx tiddi u tisreġ, hi l-baħar ġwejjed jitliegħeb max-xtajta, hi l-beraħ tar-raba' jħaddar, hi l-għana tal-għasafar; id-dinja għat-tfal hi kollha ġiri, qbiż, logħob, daħk, ferħ, imħabba. Dinja tat-tfal ġenna tal-art.

Nerħu d-dinja f'idejn it-tfal u nħalluhom imexxuha kif jafu huma. L-ewwel ma jagħmlu jneħħu l-Ministeru tal-Gwerra. Il-gwerra għal fejn? It-tfal jibżgħu minnha l-gwerra. Għax il-gwerra toqtlilhom 'il missierhom, 'l ommhom, 'il ħuthom il-kbar u forsi lilhom ukoll; il-gwerra ma tħallihomx jiġru barra, jaqbżu u jilagħbu kemm iridu; il-gwerra toħdilhom il-ħelu u anqas ikel ma tħallihom jieklu kemm iridu u milli jridu. U mbagħad x'sa jirbħu bil-gwerra? Artijiet? Fejn jiġru u jilagħbu għandhom biżżejjed. Ġid? X'jagħmlu bih? Ir-regħba ma tagħmilx bihom. Qawwa? Imma l-qawwa tiġi mis-sliem tal-ftehim u mhux mill-qtil tal-gwerra. U t-tfal li jħobbu t-tfal ta' pajjiżi oħra, ma jridux jisirqulhom arthom biex ma jkollhomx fejn jilagħbu, u anqas ma jridu jeħdulhom ġidhom biex ma jkollhomx aktar ħelu w ikel kemm iridu. Il-gwerra hi bint il-għira, u l-għira hi l-wirt tal-bniedem imħassar. Ħa jistaħam fid-demm ta' ħutu r-raġel għajjur; ħa jitqabdu u jitqatlu dawk li ħanqu f'qalbhom kull ħass ta' mħabba lejn ħuthom, ulied Ħallieq wieħed. Imma f'dinja tat-tfal ma jkunx hemm gwerra għax ma jkunx hemm għira. L-imħabba weħidha tkun in-nifs tal-ħajja tagħhom.

Imma t-tfal ukoll xi drabi jiġġieldu. Ma jkunx ġlied ta' għira u anqas ta' mibegħda. Ma jkunx ġlied ta' regħba u lanqas ta' kburija. Ikun ġlied ta' pika bejn tfal ta' belt jew raħal u tfal ta' belt jew raħal ieħor; pika aktarx fil-logħob li ma ġġibx magħha u la tixrid ta' demm u l-anqas tiġrif ta' bliet. Għalhekk flok Ministru tal-Gwerra jkun hemm Ministru tal-Ġlied.

Jekk il-Ministeru tal-Gwerra jagħlaq, ikollhom jagħalqu wkoll il-fabbriki kollha tal-għodda tal-gwerra. U l-Gvern tat-tfal jagħmilhom fabbriki ta' ħwejjeġ tal-logħob. Flok balal jinħadmu blalen u boċċi; flok ajruplani li jġorru magħhom mewt u ħerba jibdew isiru ajruplani żgħar li jogħlew biss ftit

ixbar mill-art biex it-tfal jilagħbu bihom; dawk il-wesgħat kbar kbar li minnhom itiru l-ajruplani jsiru btieħi għal-logħob tat-tfal; flok tankijiet jitbandlu u jżaqżqu żwiemel tal-għuda jiġru bir-roti; flok kanuni u azzarini sfafar u trumbetti. U dawk il-għerien mudlama u niedja, mħaffrin ġol-blat taħt l-art, li fihom it-tfal min jaf kemm il-siegħa u kemm il-lejl għaddew mimdudin fuq biċċa għuda u ftit tiben, isiru l-ħabs tal-ħatjin kontra l-paċi tad-dinja.

Jekk il-bniedem ma jridx gwerra, jerħi d-dinja f'idejn it-tfal. Xejn ma jiswew Versailles u Genéve. Xejn ma jiswa l-ftehim fuq karta mejta. Mhux tassew li t-tħejjija għall-gwerra tbiegħed il-gwerra. L-anqas ma jeqred il-gwerra l-Ordni Ġdid li Hitler irid iġib fid-dinja. Minn l-ewwel gwerra bejn iż-żewġ aħwa Kaïn u Abel sa kemm idum il-bniedem fuq l-art il-gwerer ma jaqtgħu qatt għax il-gwerra hi bint il-għira, bint il-mibegħda, bint ir-regħba, bint it-taħsir kollu ta' qalb il-bniedem. Fejjaq il-qalb minn dan il-mard u gwerer ma jkunux iżjed. Qrib it-tabib u ħafifa d-duwa. "Tgħallmu minni" qal it-Tabib u l-Imgħallem: "imxu warajja, agħmlu li ngħidilkom u jkollkom is-sliem." Imma kemm isibha bi tqila l-bniedem jimxi wara l-Imgħallem.

Jekk ma hemmx jies ta' fejqan ta' qalb il-bniedem li ma jridx jisma' kelmet it-Tabib, triq waħda oħra jibqalna miftuħa biex nistgħallu s-sliem fid-dinja. Nitelqu f'idejn it-tfal. Inħalluhom imexxuna huma. Noqogħdu għal-liġijiet tagħhom. It-tfal qalbhom mhix imħassra. Jekk it-tfal ma jafux jagħmlu opri kbar, anqas ma jafu jagħmlu ħsara kbira. Jekk ma jafux jibnu dak il-bini tal-għaġeb, żina tal-bliet tagħna, anqas ma jafu jġarrfuh. Jekk moħħhom ma jlaħħaqx mal-għerf tal-liġijiet soċjali u internazzjonali tal-lum, jasal għall-inqas biex jifhem li l-liġi, kbira jew żgħira, jaħtieġ tħarisha bir-reqqa. Inħallu t-tfal imexxu d-dinja huma jekk irridu s-sliem. Alla ħalaq dinja sabiħa, imma l-bniedem ħassarha, għarraqha, għamilha xagħri ta' dbejjeb igħajjtu u jridu jibilgħu 'l xulxin. It-tfal biss għandhom ħila jnaddfuha, isewwuha, ibiddluha u jagħmluha sabiħa kif ħalaqha Alla.

Prof. P. P. Saydon.